

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/29

tat-28 ta' Ottubru 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fis-Suq tax-xogħol u l-abitazzjoni, it-Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, id-Diffikultajiet ta' abitazzjoni, u s-suġġett *ad hoc* tal-2023 dwar l-Efficijenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-settijiet ta' data li jkopru diversi suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, jiġifieri: il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol, l-istatus fl-impjieg, id-dettalji dwar l-oġettivi edukattivi, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata, id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, inkluż id-deprivazzjoni u l-kera imputata, l-ambjent tal-għajxien, it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, id-diffikultajiet ta' abitazzjoni (inkluż id-diffikultajiet tal-kiri) u r-raġunijiet.
- (2) Id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mis-Semestru Ewropew u mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, partikolarment dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Jipprovdi wkoll informazzjoni għal diversi politiki oħra tal-UE relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-faqar.
- (3) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi n-numru u t-titolu tal-varjabbli dwar is-suġġett *ad hoc* l-"Efficijenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi".
- (4) In-numru ta' varjabbli li jridu jinġabru ma jkunx jaqbeż b'aktar minn 5 % lin-numru ta' varjabbli miġbura għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

(¹) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-numru u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-rigward tas-settijiet ta' varjabbli dwar is-Suq tax-xogħol u l-abitazzjoni u t-Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, id-Diffikultajiet ta' abitazzjoni kif ukoll is-suġġett *ad hoc* tal-2023, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

In-numru u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-introitu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-rigward tas-sett ta' varjabbli dwar is-Suq tax-xogħol u l-abitazzjoni, u t-Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi, Diffikultajiet ta' abitazzjoni kif ukoll is-suġġett *ad hoc* tal-2023, huma stabbiliti fl-Anness.

Modulu	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem tal-varjabbli
Suq tax-xogħol u abitazzjoni	Karatteristiċi tal-post tax-xogħol (4 varjabbli miġbura)	PL230	Settur tal-impjiegji pubbliċi/privati
		PW100	Sodisfazzjon tal-impjieg
		PL260	Sigħat maħduma normalment fil-ġimgħa
		PL130	Daqs tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni
	Status fl-impjieg (5 varjabbli miġbura)	PL035	Ħidma tal-inqas siegħa matul il-ġimgħa ta' qabel
		PL025	Disponibbli għax-xogħol
		PL020	Attivament tfittxija ta' impjieg
		PL120	Raġuni biex taħdem inqas minn 30 siegħa
		PL280	Tul tar-reġistrazzjoni tal-qgħad
	Livell edukattiv milħuq - dettalji, inkluż edukazzjoni interrotta jew abbandunata (2 varjabbli miġbura)	PE030	Sena meta nkiseb l-ogħla livell fl-edukazzjoni
		PE050	Edukazzjoni interrotta jew abbandunata
	Dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-abitazzjoni, inkluż deprivazzjoni u kera imputata (11-il varjabbli miġbur: 9 varjabbli obbligatorji, 2 varjabbli fakultattivi)	HS160	Problemi ta' abitazzjoni: mudlama wisq, ma hemmx biżżejjed dawl
		HS170	Storbju mill-ġirien jew mit-triq
		HC020	Daqs tal-abitazzjoni f'metri kwadri
		HC080	Sodisfazzjon ġenerali bl-abitazzjoni
		HY030	Kera imputata
		HH040	Saqaf joqtor, il-hitana/l-art/il-pedamenti umdi, jew oqfsa tat-twieqi jew pavimenti jitmermru
		HS140	Piż finanzjarju tal-kost totali tal-abitazzjoni
		HS180	Tniġġis, ħmieġ jew problemi ambjentali oħra

		HS190	Kriminalità, vjolenza jew vandaliżmu fiż-żona
		HH081	Banju jew doċċa fl-abitazzjoni (FAKULTATTIV)
		HH091	Tojlit tal-flaxing ta' ġewwa għall-użu esklużiv tal-unità domestika (FAKULTATTIV)
Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi, diffikultajiet ta' abitazzjoni, u s-suġġett ad hoc tal-2023 dwar l-Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi (16-il varjabbli miġbura: 12-il varjabbli obbligatorju, 4 varjabbli fakultattivi)	PT220	Tip ta' unità domestika meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT230	Preżenza tal-omm meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT240	Preżenza tal-missier meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT070	Ċittadinanza tal-missier (FAKULTATTIV)
		PT100	Ċittadinanza tal-omm (FAKULTATTIV)
		PT110	L-ogħla livell ta' edukazzjoni miksub mill-missier
		PT120	L-ogħla livell ta' edukazzjoni miksub mill-omm
		PT130	Status tal-attività tal-missier meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT160	Status tal-attività tal-omm meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT150	Impjieg ewlieni tal-missier meta r-risponent kellu madwar 14-il sena (FAKULTATTIV)
		PT180	Impjieg ewlieni tal-omm meta r-risponent kellu madwar 14-il sena (FAKULTATTIV)
		PT210	Status tal-kirja meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT190	Sitwazzjoni finanzjarja tal-unità domestika meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
		PT260	Bżonnijiet bażiċi tal-iskola (kotba u tagħmir għall-iskola) miksuba meta r-risponent kellu madwar 14-il sena

		PT270	Meta r-risponent kellu madwar 14-il sena, ta' kuljum kellu ikla bil-laħam, bit-tiġieġ, bil-ħut (jew l-ekwivalenti veġetarjana)
		PT280	Ġimgħa ta' vaganzi kull sena 'l bogħod mid-dar meta r-risponent kellu madwar 14-il sena
	Diffikultajiet ta' abitazzjoni (inkluż diffikultajiet fil-kera) u raġunijiet (6 varjabbli miġbura: 4 varjabbli obbligatorji, 2 varjabbli fakultattivi)	PHD01	Esperjenza passata ta' diffikultajiet ta' abitazzjoni
		PHD07	Meta kien hemm diffikultajiet ta' abitazzjoni (FAKULTATTIV)
		PHD02	Tul ta' żmien tal-aktar esperjenza reċenti ta' diffikultajiet marbuta mal-abitazzjoni (FAKULTATTIV)
		PHD03	Raġuni ewlenija għad-diffikultajiet passati ta' abitazzjoni
		PHD05	Ħruġ minn diffikultajiet ta' abitazzjoni
		PHD06	Diffikultajiet ta' kiri
	Suġġett ad hoc- Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi (7 varjabbli miġbura: 4 varjabbli obbligatorji, 3 varjabbli fakultattivi)	HC001	Sistema tat-tisħin użata
		HC002	Sors tal-enerġija
		HC003	Rinnovazzjoni (iżolament termali, twieqi jew sistema tat-tisħin)
		HC060	Inabbiltà li l-abitazzjoni tinżamm sħuna b'mod komdu matul ix-xitwa
		HC070	Inabbiltà li l-abitazzjoni tinżamm friska b'mod komdu matul is-sajf (FAKULTATTIV)
		HC004	Tip ta' twieqi (FAKULTATTIV)
		HC005	Sena tal-kostruzzjoni (FAKULTATTIV)